**14 ta' Jannar, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Joseph Attard Kingswell et.

**Libell — Ġurnal — Sospensjoni tal-Liċenza tal-Istampatur — Sospensjoni tal-Ġurnal — Appell — Art. 50, 53 u 54 tal-Kap. 117.**

*Hu innegabbli illi l-liċenza ta' stampatur hi inerenti għall-istamperija, fis-sens illi l-liċenzja hi appuntu ntiża biex*

*wiehed iżomm stampertija; però jibqa' dejjem li dik il-liċenza tkun mogħtija lill-persuna li tkun it-titolar tagħha.*

*Hu ugwalment ċert illi, dment li jkun hemm is-sospensjoni tal-liċenza tal-istampatur, ebda persuna, sew jekk tkun l-istess stampatur liċenzjat sew jekk tkun għal kollox estranea, ma tista' tkompli hija dik l-istampertija li għaliha tkun tirriferixxi l-liċenza hekk sospiża.*

*Imma huwa wkoll inkontrovertibbli illi "qabel" ma jkun hemm, u "sabiex" tkun hemm, dawn l-effetti tas-sospensjoni "in rem", ċjoè fuq l-istamperija stess, ikun min ikun li jużaha, jeħtieġ li jkun hemm sospensjoni tal-liċenza mogħtija lill-istampatur.*

*Għalhekk, it-teorija korretta, radikata fuq id-dispożizzjonijiet rilevanti, tal-Liġi tal-Istampa, għandha tkun dik li "qabel" ma tista' tkun kolpita l-istampertija "quoad omnes", b'mod li kull min jużaha fil-perijodu tas-sospensjoni jikser il-liġi, jeħtieġ li jkun kolpit dak li fil-mument rilevanti tal-ordni tas-sospensjoni jkun l-istampatur liċenzjat biex jopera dik l-istampertija; jekk minflok jkun kolpit ħadd ieħor, il-liġi ma hix soddisfatta, għaliex trid li, biex ikun hemm lok għall-konsegwenzi "in rem" (impjant u makkinarju) kontemplati mill-liġi, għandu jkun hemm "qabel" il-provvediment "in personam"; liema provvediment ma jistax jolqot lil ħadd ieħor ħlief lil dak li, meta jingħata l-provvediment, ikun l-istampatur liċenzjat.*

*Għaldaqstant, jekk l-istampatur liċenzjat ta' ġurnal jiġi kundannat għas-sospensjoni tal-liċenza tiegħu ta' stampatur u huwa jappella minn dik is-sentenza, u fil-mori tal-appell il-liċenza tiegħu tiġi trasferita lil persuna oħra, u s-sentenza tal-appell tikkonferma l-ordni tas-sospensjoni tal-liċenza tal-istampatur, l-istampatur liċenzjat meta saret dik il-konferma kien it-titolar il-ġdid tal-liċenza, u mhux it-titolar ta' qabel li kien ġie kundannat bis-sentenza tal-Ewwel Qorti, u l-liċenza tal-istampatur il-ġdid ma kienetx sospiża; u għalhekk dan ma kiserx il-liġi meta hu kompla,*

*wara l-konferma tal-Qorti tal-Appell, jagħmel użu, taħt il-liċenza lilu trasferita, mill-istess stamperija. Hu ma jkunx ħati li kiser il-liġi b'daqshekk, għax ikun jonqos il-postulat tas-sospensjoni tal-liċenza tal-istampatur liċenzjat meta saret il-konferma tal-ordni tas-sospensjoni tal-liċenza, billi, kif ġa ngħad, ma jistax ikun hemm lok għall-effetti "in rem", ċjoè fuq l-impjant u l-makkinarju, jekk "qabel" ma jkunx hemm, bħala prerekwiżit inderogabbli, is-sospensjoni tal-liċenza tal-istampatur liċenzjat.*

*Taħt ebda aspett ma tista' l-Qorti testendi l-portata tal-ordni tas-sospensjoni kontenut fis-sentenza tal-Appell, konfermatorja ta' dik tal-Ewwel Qorti, bħala li tikkoinvolġi wkoll is-sospensjoni tal-liċenza tat-titolar il-ġdid, sempliċement għax l-istamperija relattiva hija l-istess. L-identità tal-istamperija takkwista mportanza jekk u meta jkun hemm is-sospensjoni tal-liċenza tal-istampatur liċenzjat, għaliex allura l-użu tagħha, "minn kull min ikun", isir illegali; imma meta fis-sentenza tas-sospensjoni jkun hemm riferita liċenza speċifika "nominatim", kull estensjoni għall-liċenza f'isem ħadd ieħor ikun kuntrarja għal-liġi, partikolarment meta l-vertenza tkun "in odiosis".*

*Ma jiswiex l-argument tal-Prosekuzzjoni illi b'dan il-mod il-liġi tista' tiġi evaża; għax il-liġi stess tipprovdi għal dan, billi tagħti lill-Qorti l-fakoltà li tissospendi l-liċenza tal-istampatur anki jekk dan ma jkunx fil-kawża, salv id-dritt tal-editur tal-ġurnal, li ma kienx mill-bidu nett parti fil-kawża li jintervjeni fil-proċeduri biex jagħti r-raġunijiet tiegħu għaliex is-sospensjoni ma għandhiex tiġi applikata. Imma, ladarba l-Prosekuzzjoni, li kienet edotta bit-trasferiment tal-liċenza favur persuna oħra, ma talbetx lill-Qorti li tagħmel il-prova ta' dan it-trasferiment li kien sar "pendente lite", u ma talbetx ukoll li l-Qorti tindirizza l-ordni tas-sospensjoni, mhux aktar kontra t-titolar preċedenti tal-liċenza, imma kontra dak li kien allura l-istampatur għall-finijiet tal-liġi, ċjoè kontra t-titolar il-ġdid, u ħalliet li l-kawża titkompla daqs kieku ma kien sar ebda kambjament fit-titolar tal-liċenza, il-Qorti ma tistax tagħmel din l-estensjoni; għax il-Qorti tipproċedi "juxta alligata et probata", u "nihil habet forum ex scaena".*

***Sela' wkoll, in konnessjoni ma' din il-temuta evażjoni tal-liġi, il-Kummissarju tal-Pulizija, fil-pendenza bejn is-sentenza tal-Ewwel Qorti li ordnat is-sospensjoni u dik tal-Qorti tal-Appell li kkonfermat dak l-ordni, jiġifieri meta kien hemm ġa provvediment tal-Ewwel Qorti dwar is-sospensjoni u kienet perikolanti l-liċenza f'isem it-titolar ġa kundannat, jippermetti t-trasferiment tal-istess liċenza taħt kondizzjoni, li talvolta, kieku kienet imposta, setgħet tawtorizza l-Qorti tal-Appell tipprovvedi għall-eventwalità tal-konferma minnha tas-sentenza tas-sospensjoni allura ġa pronunzjata fl-ewwel istanza.***

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta talli l-imputat Attard Kingswell, bħala stampatur tal-"Union Press", u l-imputat Laiviera, bħala l-editur tal-gazzetta "Il-Ħelsien", fil-Belt Valletta, fi Trieq il-Fran nru. 80, "Mayfair House", fil-"Union Press", mid-9 ta' Jannar 1959 l-hawn, għad li kien hemm l-ordni tal-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha r-Reġina (Sedi tal-Appell), mogħti fit-8 ta' Jannar 1959 fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. P.L. Joseph Micallef Stafrace, B.A., u Reginald G. Miller, M.B.E.", għas-sospensjoni għal żmien xahar, li jibda jgħodd mid-9 ta' Jannar, tal-liċenza tal-istampatur tal-fuq imsemmi "Union Press", komplew jaħdmu stampati, u fil-fatt stampaw il-gazzetta ta' kulljum "Il-Ħelsien", li ġġib l-ewwel sena nru. 2 u d-data tas-Sibt l-10 ta' Jannar 1959, li kopja tagħha tinsab eżibita maċ-ċitazzjoni, u dan bl-istess impjant u makkinarju li għalihom il-liċenza msemmija kienet ġiet oriġinarjament mogħtija, u b'hekk kisru l-provvedimenti tal-Ordinanza dwar l-Istampa (Kap. 117); u għaldaqstant il-Qorti ġiet mitluba illi, barra mill-piena li għaliha l-imputati huma suġġetti minħabba li kisru d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Istampa (Kap. 117), jiġu kundannati għall-multa ta' £5 għal kull publikazzjoni minn dawn stampata kontra l-liġi;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-10 ta' Jannar 1959, li biha sabet lill-imputati ħajta fit-termini tal-imputazzjoni, u kkundannathom £5 multa kull wieħed;

Rat ir-rikors tal-imputati fol. 51, li bih appellaw mis-

sentenza fuq imsemmija, u talbu li tiġi revokata, u li huma jiġu liberati;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-fatti akkwiżiti għall-proċess huma dawn:— Bis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fis-7 ta' Ottubru 1958, fil-kawża "Il-Pulizija vs. P.L. Joseph Micallef Stafrace u Reginald G. Miller", ġiet, "inter alia", ordnata s-sospensjoni tal-publikazzjoni tal-gazzetta "Is-Sebħ" għal żmien xahrejn, u ġiet ordnata wkoll is-sospensjoni tal-liċenza mogħtija lill-imsemmi Miller bħala stampatur, taħt l-art. 50 tal-Ordinanza dwar l-Istampa, Kap. 117, għal żmien xahar. L-imsemmijin imputati Stafrace u Miller talbu, però, u ottenew is-sospensjoni ta' dik is-sentenza għall-finijiet tal-appell. Fuq l-appell tagħhom, din il-Qorti, b'sentenza tagħha tat-8 ta' Jannar 1959, irrespinġiet l-istess appell u kkonfermat is-sentenza appellata, inkluża s-sospensjoni tal-publikazzjoni tal-gazzetta "Is-Sebħ" u s-sospensjoni tal-liċenza ta' stampatur tal-imsemmi imputat Miller għaż-żmien ordnat *rispettivament mill*-Ewwel Qorti, liema sospensjonijiet ġew ordnati li jibdew mid-9 tax-xahar ta' Jannar korrenti. Irriżulta issa, f'din il-kawża tal-lum, għall-ewwel darba, illi fil-pendenza tal-appell, li, kif ingħad, kienu għamlu l-imsemmija imputati Micallef Strafrace u Miller, u preċiżament fit-22 ta' Ottubru 1958, saret mill-imsemmi Miller u mill-imputat odjern Attard Kingswell l-applikazzjoni eżibita fl-oriġinal tagħha (dok. C. fol. 10 ta' dan l-inkartament), li biha ntalab ("ipsissimis verbis") "a transfer of printer for the Union Press, so that our licence may be amended accordingly". Dan it-transfer, hekk *mitlub*, ġie konċess fit-23 ta' dak ix-xahar ta' Ottubru 1958, dejjem in pendenza tal-appell fil-kawża "Pulizija vs. Micallef Stafrace et."; u l-imputat odjern Attard Kingswell minn dik id-data, kif jidher mid-dokument l-ieħor markat D, fol. 11, ġie liċenzjat bħala stampatur għall-finijiet tal-Liġi tal-Istampa li jżomm "a printing press styled "Union Press" at No. 80 Old Bakery Street, Valletta", dik stess, ċjoè, u fil-lokalità stess, li relattivament għalihom kien qabel li-

ċenzjat bħala stampatur l-imsemmi imputat Miller. A. propożitu ta' din il-proċedura dwar dan it-transfer ġie diskuss fid-dibattitu jekk dan kienx sempliċi transfer, ossija kienx konċessjoni ta' liċenza ġdida. Din il-Qorti ma tirritjenix rilevanti għall-appell tal-lum din il-kwistjoni; għaliex dak li hu mportanti għan-"nodum juris" involut f'dan l-appell hu li, bi transfer jew b'konċessjoni ġdida ma jimpurtax, mit-23 ta' Ottubru 1958 il-quddiem ma kienx aktar stampatur tal-gazzetta "Is-Sebħ" taħt l-art. 50 tal-Kap. 117 l-imsemmi Miller, imma kien stampatur l-imputat odjern Attard Kingswell;

Din iċ-ċirkustanza tifforma l-bażi ta' dan l-appell tal-lum, in kwantu li d-difiża ssostni illi, mentri l-imputazzjoni hi kollha bażata fuq is-sospensjoni tal-liċenza ta' stampatur tal-imsemmi Miller, fil-fatt dik is-sospensjoni baqgħet bla effett, għaliex, meta ġiet mogħtija s-sentenza ta' din il-Qorti fit-8 ta' Jannar korrenti, l-imsemmi Miller, kif irriżulta issa waqt il-kawża tal-lum, ma kienx għadu l-istampatur liċenzjat għall-finijiet tal-Liġi tal-Istampa. Il-Prosekuzzjoni, però, tirribatti illi l-liċenza ta' stampatur hija inerenti għall-istamperija (impjant u makkinarju), u li għalhekk jikkommetti vjolazzjoni tal-Liġi tal-Istampa, konformement għad-dispost tal-art. 54 tal-Kap. 117, kull min, malgrado ordni tas-sospensjoni tal-liċenza, jaħdem stampati bl-istess impjant u makkinarju;

Issa, hu innegabbli illi l-liċenza ta' stampatur hi inerenti għall-istamperija, fis-sens illi, skond il-liġi, art. 50, il-liċenza hi appuntu ntiża biex wieħed iżomm stamperija. Jibqa' dejjem, però, li dik il-liċenza tkun mogħtija lill-persuna li tkun it-titolari tagħha. Hu ugwalment liġi pożittiva art. 54 ibidem — illi, dment li jkun hemm is-sospensjoni tal-liċenza, ebda persuna, sew jekk tkun l-istampatur liċenzjat, sew jekk tkun għal kollox estranea, ma tista' tkompli tuża dik l-istamperija li għaliha tkun tirriferixxi l-liċenza hekk sospiża. Imma hu wkoll inkontrovertibbli—u dan hu l-"punctum saliens" ta' din il-kawża,—illi "qabel" ma jkun hemm, u "sabiex" jista' jkun hemm, dawn l-effetti tas-sospensjoni "in rem", ċjoè fuq l-istamperija stess, ikun min ikun li jużaha, jeħtieġ, skond it-termini pre-

ċiżi tal-invokat art. 54, li jkun hemm sospensjoni tal-liċenza "taħt l-artikolu 53"; u dan l-art. 53 isemmi ("totidem verbis") " . . . . is-sospensjoni tal-liċenza mogħtija lill-istampatur taħt l-artikolu 50 . . . . .";

Għalhekk it-teorija korretta, radikata fuq id-dispożizzjonijiet tal-istess liġi "in subjecta materia", għandha tkun dik li, "qabel" ma tista' tkun kolpita l-istamperija "quoad omnes", b'mod li kull min jużaha fil-perijodu tas-sospensjoni jikser il-liġi, jeħtieġ li jkun kolpit dak li fil-mument rilevanti tal-ordni tas-sospensjoni jkun l-istampatur liċenzjat li qiegħed jopera dik l-istamperija. Jekk minfloku jkun kolpit ħadd ieħor, il-liġi ma hix soddisfatta, għaliex trid li, biex ikun hemm lok għall-konsegwenzi "in rem" (impjant u makkinarju) kontemplati fl-art. 54, għandu jkun hemm, "qabel", il-provvediment "in personam"; liema provvediment ma jistgħax jolqot lil ħadd ieħor ħlief lil dak li, meta jingħata l-provvediment, ikun l-istampatur liċenzjat;

Issa, appuntu f'dan il-każ, għandu jkun ovvju li ma kienx hemm is-sospensjoni tal-liċenza tal-istampatur liċenzjat taħt l-art. 50; għaliex, kif ġie fuq rilevat, meta ġiet mogħtija s-sentenza ta' din il-Qorti fit-8 ta' Jannar 1959, kif jirriżulta issa wara dik is-sentenza, ċjoè f'din il-kawża tal-lum, l-istampatur liċenzjat taħt l-art. 50 kien l-imputat odjern Attard Kingswell, u l-liċenza tiegħu ma ġietx sospiża. Jonqos, għalhekk, għall-applikazzjoni tal-art. 54, il-postulat essenzjali tas-sospensjoni tal-liċenza ta' l-istampatur liċenzjat taħt l-art. 50. Hu ċar, kif ġa ngħad, li ma jistgħax ikun hemm lok għall-effetti "in rem", ċjoè fuq l-impjant u l-makkinarju, jekk "qabel' ma jkunx hemm, bħala prerekwiżit inderogabbli, is-sospensjoni tal-liċenza tal-istampatur liċenzjat;

Din il-Qorti ma tistgħax, taħt ebda aspett, testendi l-portata tal-ordni tas-sospensjoni tal-liċenza tal-imsemmi Miller, kontenut fis-sentenza tat-8 ta' Jannar 1959, bħala li tikkonvolġi wkoll is-sospensjoni tal-liċenza tal-imputat odjern Attard Kingswell sempliċement għax l-istamperija relattiva hija l-istess. L-identità tal-istamperija takkwista

mportanza jekk u meta jkun hemm is-sospensjoni tal-liċenza tal-istampatur liċenzjat; għaliex allura l-użu tagħha "minn kull min ikun" isir illegali. Imma, meta fis-sentenza tas-sospensjoni jkun hemm riferita liċenza speċifika "nominatim", kull estensjoni għal-liċenza f'isem ħadd ieħor tkun kuntrarja għal-liġi, partikolarment meta l-vertenza tkun "in odiosis";

Ikkunsidrat;

Fil-kors tal-argumenti, il-Prosekuzzjoni osservat illi b'dan il-mod il-liġi tista' tiġi evaża. Il-liġi, infatti, tipprovvedi għal każ simili, inkwantokkè tagħti lill-Qorti l-fakoltà li tissospendi l-liċenza tal-istampatur anki jekk dan ma jkunx fil-kawża (art. 53), salv li dan jipprevalixxi ruħu mid-dispost tal-art. 42(2) riferit fl-istess art. 53(2). Għalhekk f'dan il-każ, fil-kors tal-kawża li fiha ngħatat is-sentenza tat-8 ta' Jannar 1959, il-Prosekuzzjoni, li kienet edotta mit-transfer tal-liċenza, u edotta għaldaqstant li l-allura imputat Miller ma kienx aktar l-istampatur, setgħet talbet lill-Qorti li tagħmel il-prova ta' dak it-transfer li kien sar "pendente lite", u talbet ukoll li l-Qorti tiddiriġi l-ordni tas-sospensjoni mhux aktar kontra l-imsemmi Miller, imma kontra dak li kien allura sar l-istampatur għall-finijiet tal-liġi, ċjoè kontra l-imputat Attard Kingswell, salv li jiġu valjati r-raġunijiet ta' dan tal-aħħar. Din il-prova ma ġietx, però, imsemmija jew imressqa mill-Prosekuzzjoni, li ħalliet dik il-kawża ta' qabel titkompla daqs kieku ma kien sar ebda kambjament fit-titolari tal-liċenza. X'seta' kien talvolta altrimenti konoxxut jew le mill-publiku dwar it-titolari tal-liċenza ma jistgħax ikollu ebda rilevanza; għaliex il-Qorti tipproċedi "juxta alligata et probata", u hi nota l-massima "nihil habet forum ex scaena". Hu wkoll ta' min josserva, dwar din it-temuta evażjoni tal-liġi f'każijiet simili, illi, taħt il-"Police Licences Regulations, 1949", il-Kummissarju jista' ma' kull liċenza jagħmel dawk il-kondizzjonijiet li jidhirlu xierqa. F'dan il-każ, non ostante li t-transfer sar wara li diġà kien hemm il-provvediment tas-sospensjoni tal-Ewwel Qorti u in pendenza tal-appell, ċjoè fiż-żmien meta kienet għadha perikolanti l-liċenza f'isem l-allura mputat Miller, it-transfer tal-liċenza minn Miller għall-imputat od-

jern Attard Kingswell ġie mogħti "bla ebda kondizzjoni"; li talvolta, kieku mposta, setgħet tipprovvedi għall-eventwalità tal-konferma fl-appell tas-sentenza tas-sospensjoni, allura ġa pronunzjata fl-ewwel istanza;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara ż-żewġ imputati mhux ħatja, u tordna li jiġu liberati.